# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' April 2019**

**Numru 11**
**Ċitazzjoni numru 661/2002 FS**

**John Peter Stanton**

***v.***

***Schembri & Sons Limited***

1. Dan il-provvediment huwa fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tal-4 ta' Jannar 2019 biex jtħalla, f'dan l-istadju ta' appell, iressaq xiehda ġdida b'*affidavit* tiegħu u dokumenti oħra minħabba "tibdil fiċ-ċirkostanzi u tal-aggravament tal-kondizzjoni tiegħu.

2. L-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta u kien korra fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti, wara li tgħid illi l-inċident li fih korra kien seħħ bi ħtija tal-konvenuta, tillikwida d-danni li ġarrab u tikkundanna lill-konvenuta tħallsu d-danni hekk likwidati. B'sentenza tas-16 ta' Diċembru 2013 – li minnha appellaw

kemm l-attur u kemm is-soċjetà konvenuta – l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attur u ikkundannat lill-konvenuta tħallsu mija u erbgħa u erbgħin elf, sitt mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€144,675.63) biex jagħmlu tajjab għad-danni – *damnum emergens* u *lucrum cessans* – li ġarrab l-attur.

3. Bir-rikors tal-4 ta' Jannar 2019 li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment l-attur fisser illi, minn meta ngħatat is-sentenza tal-ewwel qorti fis-16 ta' Diċembru 2013, il-kondizzjoni medika tiegħu marret għall-agħar, tant li issa jeħtieġ l-għajnuna ta' *carer* u wkoll li jixtri aktar mediċini. Dawn kienu spejjeż li, għalkemm huma konseg-wenza tal-ġrieħi li kien ġarrab l-attur fl-inċident li dwaru saret il-kawża, ma kinitx magħrufa l-ħtieġa għalihom meta ngħatat is-sentenza. L-attur għalhekk talab illi, għalkemm il-kawża tinsab fl-istadju ta' appell, jitħalla jressaq xiehda ġodda dwar il-bdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu.

4. Is-soċjetà konvenuta wieġbet fit-22 ta' Frar 2019 u opponiet għat-talba. Bdiet billi opponiet għall-fatt illi l-attur ippreżenta *affidavit* u dokument oħra flimkien mar-rikors flok, qabel, talab permess biex jagħmel hekk. Talbet għalhekk illi qabel xejn l-*affidavit* u d-dokumenti jitneħħew mill-inkartament.

5. Il-qorti tosserva illi, jekk tasal biex tiċħad it-talba tal-attur, l-*affidavit* u d-dokumenti l-oħra ċertament jitneħħew mill-inkartament. F'dan l-istadju, iżda, huwa utli illi l-qorti jkollha quddiemha dawn id-dokumenti bħala prova ta' dak li jingħad fir-rikors, ukoll jekk mhux – għallinqas f'dan l-istadju – bħala prova għall-meritu tal-appell.

6. It-talba preliminari għat-tneħħija tad-dokumenti mill-inkartament hija għalhekk, f'dan l-istadju, miċħuda.

7. Il-konvenuta kompliet tfisser hekk ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħha għat-talba tal-attur:

> »… … … huma wkoll għal kollox irregolari l-'provi' li qed jittanta jressaq l-attur f'din il-kawża sabiex jiġġustifika t-talbiet tiegħu.
>
> »L-ebda wieħed mill-persuni li ffirmaw d-dokumenti esebiti la kienu xehdu fl-atti ta' din il-kawża u wisq inqas ma kienu indikati fil-lista ta' xhieda tal-attur f'din il-kawza. Ma jistax għalhekk l-attur jippretendi li jaqbad u jippreżenta d-dokumenti bħal ma fil-fatt ghamel.
>
> »Barra minn hekk, is-soċjetà esponenti ġiet issa mqiegħda f'sit-wazzjoni fejn lanqas biss kontro-eżamijiet ta' dawn il-persuni ma jista' jsir da parti tas-soċjetà attriċi [*recte*, konvenuta] u b'hekk is-soċjetà attriċi [*recte*, konvenuta] ma ngħatat l-ebda opportunità li tikkontrolla dawn il-provi.
>
> »Illi jiġi puntwalizzat illi minn imkien fl-atti tal-ewwel kawża ma kien ingħad illi l-attur f'din il-kawża kien ser jiġi f'punt fejn kien ser jiġi f'qagħda fejn kien ser ikollu bżonn ta' *carer* erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.
>
> »Illi jekk xejn, ladarba l-attur qiegħed jipprova jiġġustifika t-talbiet tiegħu *ai termini* tal-art. 1045 [*sc.* tal-Kodiċi Ċivili], ma kien hemm xejn milli jżommu illi jressaq provi bħal ma qed jittenta jressaq issa quddiem il-qorti ta' prim'istanza.
>
> »Dak li kellu jagħmel l-attur kien illi jikkonvinċi lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili illi fuq bażi ta' probabbilitajiet kien ser jkollu bżonn ta' *carer* fil-futur minħabba l-ġrieħi li sofra, u mbagħad iressaq il-provi f'dan is-sens, u mhux issa jipprova japprofitta ruħu mid-dewmien li kien hemm sakemm ġie appuntat dan l-appell billi jipprova jikkreja spejjeż ġodda li ma ressaq ebda prova dwarhom meta kellu kull ċans jagħmel dan.«

8. Li l-persuni li ħarġu d-dokumenti li jrid jippreżenta l-attur "la kienu xehdu fl-atti ta' din il-kawża u wisq inqas ma kienu indikati fil-lista ta' xhieda tal-attur" huwa konsegwenza tal-fatt illi x-xiehda li jrid iressaq l-attur hija dwar ċirkostanzi ġodda li ma kinux jeżistu sakemm il-kawża kienet quddiem il-qorti tal-ewwel grad. Dan il-fatt waħdu, għalhekk, ma jistax ikun ta' ostakolu għat-talba tal-attur.

9. L-ilment tas-soċjetà konvenuta illi ma kellhiex okkażjoni li tagħmel kontro-eżami tal-persuni li ħarġu d-dokumenti kienet tkun ġustifikata li

kieku din il-qorti kellha tilqa' d-dokumenti u toqgħod fuqhom bla ma tħalli li jsir il-kontro-eżami ta' min ħariġhom. Iżda, naturalment, jekk tintlaqa' t-talba tal-attur dan isir b'ħarsien tal-jedd taż-żewġ partijiet għal smigħ xieraq, ukoll, jekk meħtieġ, billi jitħalla li jsiru l-kontro-eżamijiet meħtieġa.

10. L-argument tal-konvenita illi "minn imkien fl-atti tal-ewwel kawża ma kien ingħad illi l-attur f'din il-kawża kien ser jiġi f'punt fejn kien ser jiġi f'qagħda fejn kien ser jkollu bżonn ta' *carer* erbgħa u għoxrin siegħa kuljum" u illi "ma kien hemm xejn milli jżommu illi jressaq provi bħal ma qed jittenta jressaq issa quddiem il-qorti ta' prim'istanza" huma x'aktarx kontradittorji. Jekk sakemm il-kawża kienet quddiem l-ewwel qorti ma kien hemm xejn li jġiegħlek taħseb illi l-kondizzjoni tal-attur kienet sejra tiġi kif inhi llum, mela l-provi li ħarġu llum fid-dawl taċ-ċirkostanzi ġodda tal-attur ma setgħux jinġiebu qabel.

11. Tassew illi l-Qorti tal-Appell ġeneralment ma tqisx xiehda li ma nġibitx quddiem il-qorti tal-ewwel grad, għax dan ma huwiex rwol ta' qorti ta' reviżjoni. Din iżda hija biss regola ġenerali, għax meta x-xiehda ma setgħetx tinġieb quddiem il-qorti tal-ewwel grad għax iċ-ċirkostanzi nbidlu wara, u l-ġustizzja titlob illi dik ix-xiehda ma tiġix skartata, din il-qorti għandha fl-interess tal-ġustizzja tippermetti li tinġieb dik ix-xiehda.

12. Fil-każ tallum dawn il-kondizzjoniiet twettqu. Il-verità hi illi x-xjenza medika ma hijiex xjenza preċiża u għalhekk mhux dejjem prevedibbli jekk il-kondizzjoni medika tal-persuna fil-ġejjieni tistax taqleb għall-

aħjar jew għall-agħar. Il-kalkolu ta' danni futuri – kemm jekk *lucrum cessans* u kemm jekk *damnum emergens* – ma jistax jinħadem bi preċiżjoni matematika għax bilfors sa ċertu punt ikollu jinħadem fuq suppożizzjonijiet li jistgħu jseħħu u jistgħu ma jseħħux, kemm dwar it-tul tal-ħajja u kemm dwar il-ħtiġijiet. Jekk, wara l-mogħdija ta' żmien, joħorġu fatti ġodda li jgħinu biex il-kalkolu jkun aktar preċiż u għalhekk aktar ġust u reali, il-ġustizzja titlob illi dawk il-fatti, jekk tassew relevanti, ma jiġux skartati. Hemm ċirkostanzi fejn bilfors ikollok toqgħod fuq supposizzjonijiet minħabba l-inċertezzi tal-ħajja, iżda dawn is-supposizzjonijiet imbagħad ma għandhomx jieħdu post il-fatti veri jekk dawn aktar 'il quddiem isiru magħrufa.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' t-talba tal-attur magħmula bir-rikors tal-4 ta' Jannar 2019, bla ħsara għall-jedd tal-konvenuta li titlob illi tagħmel kontro-eżami tal-persuni li ħarġu d-dokumenti preżentati mill-attur.

14. Dwar l-ispejjeż ta' dan l-episodju jkunm hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm